# FIL-PRIM AWLA TAL-QORTI ĊIVILI
# SEDE KOSTITUZZJONALI

## ONOR. IMĦALLEF
## IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

**Illum l-Erbgħa, 29 ta' Novembru, 2023.**

**Kawża Nru. 7**

**Rik. Nru. 303/2022 ISB**

**Ryan Sultana (KI: 0329497M)**

**Vs**

**L-Avukat Ġenerali u**

**L-Avukat tal-Istat**

**Il-Qorti,**

Rat ir-**Rikors** ta' **Ryan Sultana**, li permezz tiegħu, talab lil din il-Qorti sabiex:

1. *Tiddikjara li fil-proċeduri fl-ismijiet Il-Pulizija vs Ryan Sultana deċiżi mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-26 ta' Mejju 2022 (Appell numru 413/2021) għar-raġunijiet fuq mogħtija ġew leżi d-drittijiet ta' l-esponent ta' smiegħ*

*xieraq kif sanċiti fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjonu u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem.*

2. *Tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa, sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent fosthom illi tħassar, tirrevoka u tikkanċella l-istess sentenza.*

3. *Tagħti ordni ad interim biex dik il-parti tas-sentenza fejn l-esponent ġie skwalifikat mil-liċenzji tiegħu tas-sewqan ma tiġix fis-seħħ sakemm jiġu dawn il-proċeduri.*

U dan wara illi ppremetta:

*Illi, huwa ġie mixli talli nhar il-05 ta' Novembru 2016 għall-ħabta ta' bejn is-sitta ta' wara nofsinhar u s-sitta u kwart ta' wara nofsinhar, ġewwa t-Triq Ħal Far, Limiti tal-Gudja, bin-nuqqas ta' ħsieb bi traskuraġni, jew nuqqas ta' ħila fl-arti jew fis-sengħa tiegħu, jew b'nuqqas tħarriġ ta' regolamenti, waqt li kien qed isuq vettura bil-mutur tal-għamla Toyota tip Vitz:*

i. *Ikkaġuna involontarjament il-mewt ta' Barry Christopher Zammit;*
ii. *Talli fl-istenn ħin lok u ċirkostanzi għamel ħsara fuq mutur tal-għamla Honda, proprjetà ta' Barry Christopher Zammit;*
iii. *Talli saq il-vettura b'nuqqas ta' kont, bi traskuraġni jew b'mod perikoluż.*

*Illi, il-Qorti tal-Maġistrati ta' Malta bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, ma sabitx lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu.*

*Illi l-Avukat Ġenerali interpona Appell minn din is-sentenza.*

*Illi l-Qorti tal-Appelli Kriminali, f'sentenza tagħha tas-26 ta' Mejju 2022 quddiem l-Imħallef Aaron Bugeja, laqgħat l-Appell tal-Avukat Ġenerali, u sabet lill-esponent ħati tal-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu u kkundinantu għall-piena ta' sentejn preġunerija, sospiżi għall-erba' snin. In oltre dan, issosspendietlu l-liċenzja tas-sewqien għall-sitt xhur.*

*Illi r-rikorrenti għar-raġunijiet li ser jelobora fuqhom aktar il-quddiem, ħass illi huwa ma kellux smiegħ xieraq u li ġew lilu*

*lesi d-drittijiet kostituzzjonali tiegħu, kif sanġiti fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem u dan abbażi tas-segwenti:*

*Illi jingħad illi l-ewwel Qorti, sabiex waslet għall-ġudizzju tagħha, straħet fuq statement orali mogħti mill-imputat ftit wara l-akkadut mingħajr dan ma ngħata l-kawteli kollha rikjesti sine qua non, mill-Liġi.*

***Statement Orali tal-Imputat***

*Illi, l-esponent attwalment, ta' żewġ verżjonijiet.*

*Illi kif jirriżulta mix-xhieda ta' PS 1226 Sylvan Pulis li ddepona quddiem il-Qorti tal-Maġistrati fis-07 ta' Diċembru 2020 irriżulta s-segwenti:*

*"Flimkien mas-surġent, kont tkellimt ma' Ryan Sultana fejn konna staqsejnih x'kien ġara, u l-kliem tiegħu kien: "Kont qed insuq, ħriġt mill-isqaq direzzjoni lejn l-Airport." Hemm konna saqsejnih minn liema Sqaq kien ħareġ, fejn huwa kien indikalna l-isqaq ta' Ħas-Sabtan. U Qalilna ukoll li kif ħareġ, kien sema' daqqa fuq wara tal-karozza tiegħu."*

*Illi ndubbjament hawn, ix-xhud kien qed jiddeponi fuq statement orali tal-imputat.*

*Illi, għalhekk jirriżulta li l-imputat kien ta din l-istatement ftit ħin biss wara l-inċident, fejn naturalment kien qiegħed taħt trauma, u li hu ġie mistoqsi sabiex jagħti l-verżjoni tiegħu tal-fatti, ċjoè' dan l-istatement fejn naturalment ma kienx ġie mgħarraf bid-drittijiet legali tiegħu, u għalhekk din l-istatement orali huwa wieħed inammissibbli.*

*Illi, l-imputat imbagħad iddepona waqt l-inkjesta fit-12 ta' Novembru 2016, u hawn huwa ingħata l-kawteli rikjesti. Hawn il-versjoni mogħtija hija waħda aktar dettaljata u tispjega ċ-ċirkostanzi kollha.*

*Illi, indubjament, din it-tieni verżjoni tal-imputat hija firm aktar preċiża u tiċċara u tikkuntrasta ma' l-istatement orali tiegħu.*

*Illi però, minn eżami tas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali jirriżulta kjarament li din il-Qorti użat l-ewwel verżjoni sabiex tiskredita t-tieni verżjoni li l-imputat ta' quddiem il-Maġistrat inkwerenti. Fil-fatt, f'dan ir-rigward, l-esponent jirreferi għall-paragrafu 74 tas-sentenza tal-Qorti tal-Appelli Kriminali li tgħid is-segwenti:*

*"Biss, din il-verżjoni tal-fatti hija kontradetta mill-fatti oġġettivi li:*

*Il-fatt li l-appellat Sultana stess, ftit wara l-inċident stqar kif il-ħabta tal-mutur fuq il-vettura misjuqa minnu seħħet malli huwa ħareġ mit-trejqa sekondarja għall-fuq triq prinċipali."*

*Illi l-Qorti kkummentat li dan juri biċ-ċar li l-ewwel statement magħmul mill-imputat kien fattur ewlieni sabiex il-Qorti irrevokat l-ewwel sentenza.*

*Il-Qorti umbagħad saħħet dan l-argument b'osservazzjoni li għamlu żewġ xhieda oħra okulari u ċjoè', Andras Tolgyisi u Nora Llisics.*

*Illi però, dawn iż-żewġ xhieda qatt ma iddeponew viva voce fil-kumpilazzjoni u l-esponent qatt ma kellu l-fakulta li jagħmlilhom l-kontro-eżami jew jikkontrolla x-xhieda tagħhom. Għalkemm din ix-xhieda in stricto jure hija waħda ammessibbli, din però trid tiġi interpretata b'kawtela u ai finijiet ta' kontroll biss minħabba li d-difiża ġiet żvestita mid-dritt tagħha li tagħmel il-kontro-eżamijiet. In effetti, din it-tip ta' xhieda tintuża sabiex tikkontrolla xhud waqt id-deposizzjoni orali li jkun qed jagħti fil-presenza tal-akkużat.*

*Illi, in effetti f'dawn ir-rigward, tal-esponent jagħmel ampja referenza għall-Artikollu 653(3) u l-Artikoli 646(1) tal-Kodiċi Kriminali Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, fejn naraw illi x-xhieda mogħtija fl-inkjesta jridu jinstemgħu vivaa voce waqt is-smiegħ tal-kumpilazzjoni.*

*Illi huwa, bis-saħħa ta' dawn il-proċeduri, ġie skwalifikat milli jkollu liċenzja tas-sewqan għal żmien sitt xhur u dan qiegħed jirrekalu preġudizzju.*

Rat id-digriet tagħha tal-15 ta' Ġunju 2022 li permezz tiegħu l-kawża ġiet appuntata għat-13 ta' Lulju 2022 fid-9:30a.m.

Rat ir-**risposta** tal-intimati **Avukat Ġenerali** u **Avukat tal-Istat** intavolata fis-7 ta' Lulju 2022 (fol 7) li permezz tagħha eċċepew:

1. *Illi r-rikorrenti qieghed jilmenta li ma kellux smigh xieraq fil-proceduri kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Ryan Sultana** decizi finalment mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-26 ta` Mejju 2022 u dan bi ksur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem u l-artikolu 39.*

2. *Illi jidher li l-lanjanza tar-rikorrenti tirrigwarda l-ammissibbilita` o meno ta` dikjarazzjoni li kien ghamel ir-rikorrenti mal-pulizija ezatt wara li sehh l-incident stradali li fih miet Barry Christopher Zammit nhar il-5 ta` Novembru 2016. Ir-rikorrenti qed jallega li dik id-dikjarazzjoni hija inammissibbli ghaliex ittiehdet minghajr ma inghata d-drittijiet tieghu u li l-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha ghamlet referenza ghal din id-dikjarazzjoni meta sabet htija fil-konfront tar-rikorrenti.*

3. *Illi l-esponenti jirrespingu l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti bhala infondati fil-fatt u fid-dritt ghas-segwenti ragunijiet.*

4. *Illi in kwantu ghal dak li jirrigwarda l-Artikolu 39 (1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u ta' l-Artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni Ewropeja, l-esponenti jibdew biex jissottomettu illi l-Artikolu 39 (1) u (2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta jipprovdi illi sabiex jigi garantit id-dritt ghal smiegh xieraq, is-smiegh ghandu jsir fi zmien ragonevoli, u jinstema' minn Qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa bil-ligi. L-Artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni jmur oltre` meta jipprovdi li s-smiegh ghandu jkun pubbliku u ghandu jkun quddiem tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf bil-ligi.*

5. *Illi dwar din id-dikjarazzjoni li r-rikorrenti ghamel ma` PS 1226 Sylvan Pulis irid jinghad li din ma tistax tiġi iżolata ghaliha mill-bqija tal-kumpless tal-proċeduri kriminali. Kif ħafna drabi ngħad f'dawn iċ-ċirkostanzi, id-dritt tas-smigħ xieraq irid jiġi meqjus fil-kuntest tat-totalità tal-proċeduri kollha u mhux fir-rigward ta' mument speċifiku. Tabilħaqq*

*biex wieħed jiddetermina jekk kienx hemm ksur tal-jedd ta' smigħ xieraq, wieħed irid iqis il-proċess kollu kemm hu, magħduda magħhom l-imġiba tal-Qorti li tkun u kif ukoll ta' kif l-interessi tal-persuna mixlija kienu mressqa u mħarsin mill-istess qorti. Wieħed ma jistax u mgħandux jiffoka fuq biċċa biss mill-proċess sħiħ ġudizzjarju biex minnu, jekk isib xi nuqqas jew għelt, jasal għall-konklużjoni li tabilfors seħħ ksur tal-jedd tas-smigħ xieraq (ara fost oħrajn is-sentenzi* ***Dr. Lawrence Pullicino vs. Onorevoli Prim Ministru et*** *deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-18 ta' Awwissu 1998,* ***Anthony Zarb et vs. Ministru tal-Ġustizzja et*** *deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fis-16 ta' Ottubru 2002 u* ***Gregorio sive Godwin Scicluna vs. Avukat Ġenerali et*** *deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fil-15 ta' Ottubru 2003).*

6. *Il-kwistjoni li ghandha quddiemha din l-Onorabbli Qorti hija wahda essenzjalment dwar ammissibilità ta' evidenza. Il-principji regolaturi ghal dak li jirrigwarda l-ammissibilità ta` dikjarazzjonijiet maghmula mill- akkuzat huma li kull haga li l-akkuzat jistqarr, sew bil-miktub kemm ukoll bil-fomm, tista' tittiehed bi prova kontra min ikun stqarrha, kemm-il darba jinsab li dik id-dikjarazzjoni tkun giet maghmula minnu volontarjament u ma gietx imgieghlha jew mehuda b'theddid jew biza', jew b'weghdiet jew bi twebbil ta' vantaggi. Id-dikjarazzjoni li ghamel ir-rikorrenti mal-pulizija li marru fuq il-post tal-incident hija wahda intiza sabiex primarjament jigi satbbilit kif sehh l-incident stradali in kwistjoni. Dak il-mument meta Sultana gie mitkellem mil-Pulizija ezatt wara l-incident hu l-anqas biss kien ghadu jista' jitqies suspettat ghaliex il-Pulizija sempliciment kienu qeghdin jigbru l-informazzjoni fuq dak li kien gara.*

7. *Dak li stqarr ir-rikorrenti stqarru volontarjament u kwindi huwa obbligu tal-Qrati ta` gurisdizzjoni kriminali li tippriżerva l-istess fl-atti proċesswali u ma teskludihiex dment li r-regoli tal-ammissiblita` u relevanza tal-prova ikunu gew imharsa. Tkun qed tonqos mill-obbligi taghha u tkun qed ixxekkel l-amministrazzjoni tal-gustizzja kieku taghmel diversament.*

8. *Bhala regola, meta wiehed japprezza jekk proceduri humiex xierqa jew le, wiehed m'ghandux ihares biss lejn*

*xi nuqqasijiet proceduralali li jokkorru imma lejn jekk fl-assjem taghhom, il-proceduri kinux, jew le, kondotti b'gustizzja fis-sostanza u fl-apparenza (ara Perit Joseph Mallia vs. Onor. Prim Ministru et deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fil-15 ta' Marzu 1996). Iridi isir* ***overall assessment tal-prodediment penali.*** *Il-jedd ta' smigh xieraq invokat mir-rikorrenti, fil-generalità tal-kazijiet, jigi invokat biss (i) meta ma jkunx hemm tribunal indipendenti u imparzjali, (ii) meta jkun hemm dewmien ingustifikat waqt is-smigh tal-kawza, (iii) meta jkun hemm nuqqas ta' access lill-qrati, (iv) meta s-smigh jissokta fl-assenza tal-parti fil-kawza, (v) meta ma jkunx hemm equality of arms bejn il-partijiet kontendenti fil-kawza, (vi) meta parti ma tinghatax id-dritt li tinstema' (audi alterem partem) u/jew li tressaq il-kaz taghha kif imiss u (vii) meta s-sentenza finali tinghata minghajr motivazzjoni. Dan attiz, ghandu jirrizulta bl-aktar mod kategoriku u manifest li l-ilment imressaq mir-rikorrent f'din il-kawza ma jaqa' taht l-ebda wahda mic-cirkostanzi msemmija hawn fuq. Fl-ebda hin u fl-ebda mument ir-rikorrenti ma gie trattat b`mod differenti u lanqas ma jirrizulta li gie mcahhad minn xi dritt li meta wiehed ihares lejn il-proceduri fit-totalità taghhom jista jikkonkludi li ma kienx hemm smigh xieraq bil-konsegwenzi tad-digriet impunjat. Anzi, jirrizulta li l-partijiet ghandhom access ugwali ghall-Qorti, qed isiru l-ezamijiet u l-kontro-ezamijiet kollha mehtiega u kull parti ghandha l-opportunita` li tressaq il-kaz taghha.*

9. *<u>Illi ir-rikorrenti kellu l-opportunita` kollha li iressaq il-provi u jaghmel id-difiza tieghu inkluz li jaghmel kontro-ezamijiet tax-xhieda kollha li tressqet mil-prosekuzzjoni. Jekk xhud, f`dan il-kaz PS1226, xehed dwar aspett li r-rikorrenti ma qabilx mieghu, huwa kellu l-ghodda kollha li taghtieh il-ligi biex jattakka jew jiskredita dik l-evidenza/prova.</u>*

10. *Fl-ahhar mill-ahhar ix-xoghol ta` gudikant huwa proprju li jevalwa u japprezza x-xhieda li jisma u jiddecidi liema xhieda ghandu joqghod fuqha u liema xhieda mhux ta` min joqghod fuqha u l-Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta jipprovdi kriterji biex jghinuh jaghmel dan u dan jinkludi l-valur probatorju tal-evidenza migjuba. Is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali hija wahda motivata u ben studjata u ma hemm xejn irragjonevoli jew irregolari fiha. Jekk dik il-Qorti*

*skartat id-difiza tar-rikorrent dan ma sarx b`mod kappriccjuz izda ghaliex qieset li kien hemm provi sal grad rikjest mil-ligi  sabiex isib htija fir-rikorrent. <u>Kif ser ikollha opportunita` tara din l-Onorabbli Qorti, il-kaz tar-rikorrenti ma kienx mibni biss jew unikament fuq id-dikjarazzjoni li ghamel ir-rikorrenti mal-pulizija izda hemm provi ohra importanti li fl-assjem taghhom wasslu lil Qorti tal-Appell Kriminali ghal-konvinciment morali li ssib htija fir-rikorrenti.</u>*

11. *Fir-rigward tal-lanjanza li qed iqajjem fuq ix-xhieda okulari, dawn xhedu legittimament bil-gurament fl-inkjesta magisterjali. Abbazi tal-artikolu 550(1) " il-periti jew persuni ohra li jkunu deheru fl-access jew xehdu matul l-inkjesta Magiserjali ma jistghux jingiebu biex jaghtu xhieda quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala qorti istruttorja matul il-kompliazzjoni." Skont is-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu pero, "...**persuna mixlija tista' wkoll iggib lil kull minn trid minn dawk il-persuni bil-ghan li jsirilha l-kontro-ezami**." **Ma jidhirx li sar xi tentattiv min naha tad-difiza biex titlob li dawn ix-xhieda jergghu jinstemghu jew li saret xi talba mid-difiza qua rikorrenti f' dan is-sens.** Anke ir-regola li jsemmi fir-rikors promotur li tinsab fl-artikolu 653(3) tinkludi eccezzjoni fil-proviso li tghid li x-xhieda li jkunu semghu il-periti bil-gurament ma tapplikax ghalihom ir-regola f'dak is-subartikolu. Fl-artikolu 650(5) ix-xhieda li jkunu instemghu, jerghghu jinstemghu jew fuq ordni tal-Qorti jew fuq talba tal-imputat- liema talba ma tidhirx li qatt saret fil-kaz in ezami.*

12. *Fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghal fuq espost, zgur li t-talba tar-rikorrenti sabiex din l-Onorabbli Qorti thassar is-sentenza moghtija mil-Qorti tal-Appell Kriminali hija talba irragjonevoli. Ir-rikorrent ma jistghax jippretendi li juza dawn il-proceduri biex jipprova jahrab minn piena li giet imposta b`mod legittimu fil-konfront tieghu.*

13. *Illi finalment l-esponent ser jindirizza t-talba ghal-mizura provvizorja kif hemm indikat fit-tielet talba fir-rikors promotur fejn ir-rikorrent qed jitlob li s-sospensjoni tal-licenza tas-sewqan ghal zmien sitt xhur tigi sospiza pendenti l-ezitu ta` din il-kawza kostituzzjonali. Fi kwalunkwe kaz bħala prinċipju ta' dritt l-għoti tar-rimedju*

*proviżorju m'għandhiex tkun ir-regola kull meta jkun hemm xilja ta' ksur tal-jeddijiet fundamentali tal-bniedem, tkun xi tkun. Anzi pjuttost huwa l-kuntrarju fis-sens li r-rimedju proviżorju għandu jingħata biss f'każijiet estremi u eċċezzjonali;*

14. *Il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza* ***Angelo Frank Paul Spiteri vs. L-Avukat Ġenerali*** *deċiża fid-9 ta' Jannar 2017 qalet,*

*«li f'materja tal-hekk imsejħa interim measures huwa ċar l-insenjament ta' din il-Qorti li tali miżuri għandhom jittieħdu biss f'każijiet ta' urġenza u saħansitra f'każijiet ta' "urġenza estrema" fejn in-nuqqas ta' teħid ta' tali miżuri jirriżulta, jew jazzarda li jirriżulta, fi ħsara irreparabbli għall-interessi vitali tal-parti konċernata jew għall-perkors tal-eżami li l-Qorti jkun jeħtiġilha tagħmel. (Ara Q. Kost.* ***Joseph Camilleri v. Avukat Ġenerali****, 1/7/2013, li ċċitat b'approvazzjoni mill-ktieb "****Theory and Practice of the European Convention on Human Rights" ta' Van Dijk et*** *(4 ediz. 2006, paġna 113)). Din il-Qorti rriteniet ukoll li miżuri ad interim huma indikati f'każijiet eċċezzjonali. (Ara Q. Kost.* ***Joseph Ruggier et v. Joseph Olivier Ruggier et****, 22/8/2005 #7, #11 [Q.Kost.* ***Federation of Estate Agents v. Direttur Ġenerali (Kompetizzjoni)****, deċiża 25 ta' Settembru 2014]»;*

15. *Kif tajjeb intqal fid-deċiżjoni* ***Mario Borg vs. Avukat Ġenerali*** *mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fl-14 ta' Ġunju 2016, il-miżuri provviżorji huma maħsuba biex iżommu milli ssir ħsara li ma tissewwiex lil vittma ta' ksur ta' jedd fundamentali, b'tali mod li ma jsir xejn li jista' jxejjen jew inaqqas mill-awtorità u l-effikaċja tas-sentenza li tingħata dwar l-istess ilment. F'dan ir-rigward, biex jista' jingħata rimedju provviżorju, jeħtieġ li min jitolbu juri li hemm każ prima facie ta' ksur ta' jedd fundamentali u li n-nuqqas tal-għoti tal-miżura provviżorja sejra ġġib ħsara li ma titreġġax lura fil-każ tiegħu. Minħabba f'hekk, l-għoti ta' provvediment proviżorju f'kawża ta' allegat ksur ta' jedd fundamentali*

*jitlob li jintwerew ċirkostanzi eċċezzjonali li jagħmluh meħtieġ;*

16. *Ifisser dan kollu li hemm qbil li biex jingħata rimedju bħal dan jeħtieġ illi jintwera li hemm riskju imminenti u reali fuq il-persuna li tkun qed titolbu (ara inter alia* ***Edward Cassar vs. Avukat Ġenerali et*** *maqtugħa mill-Qorti Kostituzzjonali fil-15 ta' Frar 2016). Sewwasew f'dak il-każ Edward Cassar kien qed jilmenta li hu ma kienx ġie notifikat bl-avviż tal-appuntament tas-smigħ tal-appell li huwa kien ressaq quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali. Għalhekk huwa argumenta li meta l-Qorti tal-Appell Kriminali ddikjarat l-appell tiegħu bħala wieħed deżert u spiċċa l-ħabs bħala konsegwenza t'hekk huwa ġie mċaħħad milli jsemma' leħnu fl-appell, u dan bi ksur tal-jedd tiegħu għas-smigħ xieraq kif imħares taħt il-* ***Kostituzzjoni ta' Malta u l-Konvenzjoni Ewropea****. Pendenti l-kawża kostituzzjonali huwa talab li jikseb rimedju proviżorju biex joħroġ mill-ħabs għaliex fil-fehma tiegħu huwa kien miżmum intortament. Però l-Qorti Kostituzzjonali ċaħdet it-talba tiegħu għaliex hija ma ratx li dan kien xi każ estrem jew straordinarju li kienu jistħoqqlu l-għoti ta' rimedju proviżorju;*

17. *Biex wieħed jgħid kollox mill-ġurisprudenza ta' dawn l-aħħar żminijiet jirriżulta li l-Qrati tagħna ma tantx laqgħu bil-ħerqa talbiet biex jingħataw rimedji proviżorji. Anzi wiehed jista jghid li dawn it-talbiet kwazi dejjem jigu michuda. Hekk pereżempju fid-deċiżjonijiet* ***Joseph Camilleri vs. Avukat Ġenerali*** *deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fl-1 ta' Lulju 2013 u* ***Rosario sive Sario Sultana vs. Avukat Ġenerali et*** *deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fis-27 ta' Frar 2017, il-Qorti Kostituzzjonali ma tatx rimedju proviżorju biex ġuri kriminali jiġi sospiż sakemm tinqata' t-tilwima kostituzzjonali;*

18. *Ta' min isemmi wkoll id-deċiżjoni* ***Federation of Estate Agents vs. Direttur Ġenerali [Kompetizzjoni) et*** *deċiża fil-25 ta' Settembru 2014 fejn il-Qorti Kostituzzjonali ma tatx rimedju proviżorju biex pendenti l-kawża kostituzzjonali jiġu mwaqqfa proċeduri dwar ksur tal-liġi*

*tal-kompetizzjoni fejn setgħu jiġu imposti multi amministrattivi b'valur għoli;*

19. *L-istess ġara fid-deċiżjoni* ***Stephen Nana Owusu vs. Kummissarju tal-Pulizija bħala Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni et*** *mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fit-13 t'April 2018, fejn l-ogħla Qorti Maltija ma laqgħetx talba għal miżura temporanja marbuta mas-sospensjoni ta' ordni ta' tneħħija minħabba li dik il-qorti dehrilha li r-rikorrent ma ressaq l-ebda xrara ta' prova lanqas mad-daqqa t'għajn li huwa kien sejjer iġarrab xi preġudizzju jekk kemm-il darba kellu jintbagħat lura ġewwa l-Ghana, il-pajjiż tan-nisel tiegħu;*

20. *F'deċiżjonijiet oħrajn bħal* ***Daniel Alexander Holmes vs. Avukat Ġenerali et*** *mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fis-16 ta'April 2014),* ***Trevor Bonniċi vs. L-Avukat Ġenerali*** *mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fit-30 ta' Mejju 2016 u* ***Raymond Mifsud vs. L-Avukat Ġenerali et*** *mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fis-7 ta' Awwissu 2017, talbiet għal miżuri proviżorji relatati ma' skarċerazzjoni mill-ħabs sakemm jinqatgħu l-kawżi kostituzzjonali wkoll ma ġewx milqugħa għaliex ma tqisux każijiet straordinarji;*

21. *Meta wieħed iqis dawn id-deċiżjonijiet tal-Qrati tagħna, joħroġ ċar li fil-każ tallum mhemmx ċirkostanzi daqshekk gravi li jxaqilbu favur il-ħruġ ta' miżura proviżorja. Dan għaliex fil-każ tagħna m'hemmx kwistjonijiet urġenti jew straordinarji bħal theddid fuq il-ħajja jew l-inkolumità fiżika tal-persuna;*

22. *Biex wieħed ipoġġiha b'mod aktar ċar jekk talbiet serji għar-rimedji proviżorji ġew miċħuda bħal biex persuna tiġi skarċerata mill-ħabs jew biex ġuri kriminali jiġi sospiż jew biex bniedem ma jiġix mibgħut lura f'pajjiżu, kemm aktar allura għandha tiġi miċħuda t-talba 'inqas gravi' tar-rikorrenti.*

23. *Tabilħaqq wieħed ma jridx ineħħi minn quddiem għajnejh li fil-każ tallum l-is-sospenzjoni ta` sitt xhur tal-licenzja tas-sewqan tar-rikorrenti giet ordnata b`saħħa ta' sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali.*

24. *Il-preżunzjoni għandha dejjem tkun li sentenzi u deċiżjonijiet tal-Qrati jiswew u li ngħataw rite et recte. Tassew allegazzjoni ex parte illi sar ksur ta' dritt fondamentali mhijiex ekwivalenti għal sejbien ġudizzjarju ta' ksur ta' drittijiet fondamentali, u hija għalkollox inkompatibbli mas-serjetà tal-proċess ġudizzjarju u mal-finalità li sentenza tinżamm milli titwettaq għax xi ħadd jallega li kien hemm ksur ta' drittijiet fondamentali (ara* ***Stephen Pirotta vs. L-Avukat Ġenerali et*** *mogħtija minn din l-Onorabbli Qorti, diversament preseduta, fid-19 ta' April 2016).*

Rat illi fl-udjenza tat-13 ta' Lulju 2022, fuq talba tar-rikorrent, il-Qorti awtorizzat  u ordnat l-allegazzjoni tal-proċess fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Ryan Sultana** (Appell Nru 413/21 – Deċiż mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-26 ta' Mejju 2022). Rat ukoll id-dikjarazzjoni tad-difensuri tar-rikorrent li salv għall-imsemmija allegazzjoni tal-proċess, m'għandhomx aktar provi xi jipproduċu.

Rat ir-rikors tar-rikorrent intavolat fl-14 ta' Lulju 2022 li permezz tiegħu talab lil din il-Qorti:

> *"...tagħti ordni ad interim fis-sens illi dik il-parti tas-sentenza tal-proċeduri kriminali msemmija fejn l-esponent ġie skwalifikat milli jkollu liċenzja tas-sewqan ma tiġiex fis-seħħ sakemm jiġu deċiżi dawn il-proċeduri u dan taħt dawk il-provedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni."*

Rat id-Digriet Kamerali tagħha tal-4 ta' Awwissu 2022 li permezz tiegħu din il-Qorti kkonkludiet is-segwenti:

> *"Għaldaqstant, il-Qorti wara illi rat l-atti kollha proċesswali relattivi u rilevanti ai fini tad-deteminazzjoni tat-talba mressqa fir-rikors tal-14 ta' Lulju 2022, u wara l-konsiderazzjoni kollha hawn fuq magħmula, tgħaddi biex* ***tiċħad*** *it-talba tar-rikorrenti kif mressqa bir-rikors msemmi."*

Rat illi fl-udjenza tal-21 ta' Novembru 2022 bl-allegazzjoni tal-proċess tal-Appell Kriminali 413/21, id-difensuri tal-partijiet iddikjaraw li m'għandhomx aktar provi xi jressqu.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet finali estensivi tal-partijiet.

Rat illi fl-udjenza tal-14 ta' Lulju 2023, il-partijiet qablu li l-kawża setgħet titħalla għal-lum għad-deċiżjoni.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Illi mis-**<u>sottomissjonijiet</u>** magħmula mill-partijiet, il-Qorti tislet is-segwenti:

Ir-rikorrent **Ryan Sultana** fis-sottomissjonijiet tiegħu jsostni li d-drittijiet fundamentali tiegħu kif sanċiti bl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u bl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ġew leżi mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fuq ċitata f'żewġ istanzi u ċjoè:

- Il-Qorti tal-Appell Kriminali tat piż kbir lill-ewwel statement orali tar-rikorrent li hu kien ta *a tempo vergine* tal-inċident meta huwa kien għadu taħt xokk u mingħajr ma ngħata l-għajnuna legali.

- Il-Qorti straħet ukoll fuq dak li qalu żewġ xhieda okulari, Andras Tolgyisi u Nora Liisics, liema xhieda qatt ma ddeponew *viva voce* fil-kumpilazzjoni u l-esponent qatt ma kellu l-fakultà li jagħmlilhom il-kontroeżami jew jikkontrolla x-xhieda tagħhom.

Fir-rigward tal-istqarrija jissottometti li l-ewwelnett il-ġurisprudenza nostrana stabbiliet illi *statements* meħudin mingħajr assistenza legali għandhom jiġu skartati mill-Qorti stante illi tali *statements* ikunu prova prinċipali biex tinstab ħtija. In sostenn ta' dan jagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Farrugia vs Malta** deċiża mill-Qorti Ewropea fl-4 ta' Ġunju 2019 u għas-sentenza fl-ismijiet **Christopher Bartolo vs l-Avukat ta' l-Istat** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fis-26 ta' April 2022. Isostni li anke stqarrija kkonfermata bil-ġurament quddiem il-Maġistrat Inkwirenti, jekk mhux bl-assistenza ta' avukat, hija wkoll irregolari u trendi nulli l-proċeduri kriminali. B'referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Beuze vs il-Belġju** jsostni li għalkemm mhuwiex awtomatiku illi sentenza meħuda mingħajr l-assistenza legali hija nulla ċertament li ċ-ċirkostanzi li sab ruħu fihom ir-rikorrent żgur jaqgħu anke taħt din l-opinjoni legali f'din is-sentenza peress illi fil-mument tal-inċident kien imgerfex u taħt xokk.

Fir-rigward tax-xhieda ta' Andras Tolgyisi u Nora Liisics isostni li l-fatt li dawn ix-xhieda ma ġewx prodotti biex jixhdu waqt il-kumpilazzjoni u għalhekk ma kellux l-opportunità jikkontrolla dawn ix-xhieda u/jew jagħmel kontroeżami, imur proprju kontra sentenza tal-Qorti Ewropea li jgħidu li x-xhieda trid tkun mogħtija fi stadju bikru, u ċjoè fil-kumpilazzjoni, u mhux jitfaċċaw fl-istadju tal-ġuri. In sosten ta' dan jirrferi għad-deċiżjonijiet **Unterpertinger vs Austria** deċiża mill-Qorti Ewropea fil-21 ta' Novembru 1986, **Fafrowicż vs Poland** deċiża mill-Qorti Ewropea fis-17 ta' April 2012. Jikkontendi li l-Qorti Ewropea ssostni li meta l-Qorti tal-Appell Kriminali terġa' tagħmel evalwazzjoni tal-fatti ma tistax tirrevoka sentenza tal-ewwel Qorti fejn akkużat ġie liberat jekk m'għandiex il-fakultà illi tevalwa x-xhieda hi waqt testimonjanza viva voce. In sostenn ta' dan, jirreferi wkoll għad-deċiżjoni tal-Qorti Ewropea fl-ismijiet **Julies ULIUS POR SIGURPORSSON vs Iceland** deċiża fis-16 ta' Lulju 2019.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Min-naħa tagħhom **l-Avukat Ġenerali** u **l-Avukat tal-Istat**, jissottomettu li huwa rikonoxxut li l-kompitu ta' din il-Qorti m'huwiex li toqgħod tidħol f'kwistjonijiet ta' reviżjoni ta' ġbir u apprezzament ta' provi fi proċessi kriminali. Isostnu li d-difiża kellha kull opportunita` li tressaq ix-xhieda kollha li dehrilha li huma relevanti. In sostenn ta' dan jirreferu għad-deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **Onorevoli Imħallef Dottor Anton Depasquale vs Avukat Ġenerali** deċiża fil-5 ta' Ottubru 2001, kif ukoll għad-deċiżjoni tal-Qorti Ewropea fl-ismijiet **Nicholas Richard Debono vs Malta** deċiża fl-10 ta' Ġunju 2004. Isostnu li proċeduri bħal dawn m'għandhomx iservu bħala appell tat-tielet grad u jseħħ ksur tal-jedd tal-prinċipju taċ-ċertezza legali jekk kemm-il darba tali qorti tqis il-kwistjoni bħallikieku kienet qorti ta' appell ulterjuri flok qorti ta' reviżjoni ta' kostituzzjonalità u dwar dan jirreferu għad-deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **Marks and Charles Limited et vs Avukat Ġenerali** deċiża fit-12 ta' Frar 2018. Jispjegaw li l-ġurisdizzjoni ta' din il-Qorti hija limitata biss biex tinvestiga u tiddetermina jekk kienx hemm jew le vjolazzjoni ta' xi jedd fundamentali speċifikament dak ta' smigħ xieraq u mhix biex tisħarreġ jekk il-qrati ordinarji ddeċidewx b'mod tajjeb jew le il-każ li kellhom quddiemhom.

Madanakollu jgħidu li n-natura tal-ilment odjern irendi impossibbli li wieħed jiddetermina l-ilment mingħajr ma jara x'wassal biex il-Qrati ta' kompetenza kriminali ssib ħtija fil-konfront tar-rikorrent. Isostnu li fl-

apprezzament tax-xhieda u tal-provi li għamlet, il-Qorti tal-Appell Kriminali ma straħitx biss fuq dak li seta' qal ir-rikorrent meta ta l-ewwel stqarrija tiegħu dakinhar tal-inċident u dak li stqarr l-istess rikorrent mal-espert tal-Qorti Mario Buttigieg u lanqas ma l-Qorti straħet biss u unikament fuq dak li xehdu ż-żewġ xhieda okulari li raw l-inċident, iżda għamlet analiżi tal-provi kollha li ġew prodotti quddiemha u waslet għas-sejbien tal-ħtija partikolarment b'dak li kkonstata u kkonkluda l-espert tal-Qorti Mario Buttigieg.

Isostnu li sabiex jiġu applikati l-elementi tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea jridu ta' bilfors jitqiesu l-fatturi proċesswali partikolari tal-każ u għalhekk irid jitqies il-proċess kollu flimkien mal-imġieba tal-Qorti. Jikkontendu li r-rikorrent fl-ebda ħin ma ġie trattat b'mod differenti u lanqas ma jirriżulta li ġie mċaħħad minn xi dritt li meta wieħed iqis il-proċeduri fl-interità tagħhom jista' jiġi konkluż li ma kienx hemm smigħ xieraq, u dan stante l-fatt li jirriżulta li l-partijiet kellhom aċċess ugwali għall-Qorti u l-fatt waħdu li l-Qrati penali għażlu li jemmnu x-xhieda ta' xhud bl-ebda mod ma jfisser li dak sar bi ksur ta' xi dritt fundamentali. Isostnu li ż-żewġ sentenzi in kwistjoni huma motivati u ben studjati u dak li għandha tiskrutina din il-Qorti huwa d-deċiżjoni kinitx waħda *arbitrary or manifestly unreasonable* u minn dak l-att jgħidu li l-konsiderazzjonijiet li għamlu l-Qrati kriminali fil-każ odjern kienu raġjonevoli u bl-ebda mod ma ġie miksur xi jedd fundamentali tar-rikorrent.

B'referenza għall-Artikolu 646 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, isostnu li r-rikorrenti kellu l-opportunità li jagħmel il-kontroeżami tax-xhieda fl-istadju tal-Kumpilazzjoni u għal raġuni li jaf hu biss baqa' m'għamilx dan. Jikkontendu li l-Artikolu 39(6)(d) tal-Kostituzzjoni ma jiggarantix dritt għall-kontroeżami iżda li l-akkużat jingħata l-faċilità li jeżamina x-xhieda personalment u dana b'referenza għad-deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **Osama Ebeid vs Avukat tal-Istat** deċiża fit-22 ta' Ġunju 2022. Isostnu li minn eżami tal-atti proċesswali jirriżulta li r-rikorrent ingħata l-mezzi kollha u ż-żmien neċessarju biex iressaq il-provi tiegħu u jagħmel il-kontro-eżamiijiet tax-xhieda kollha li ressqet il-prosekuzzjoni. Jispjegaw b'referenza għad-deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **Carmelo Camilleri vs Onor. Prim Ministru et** deċiża fil-31 ta' Mejju 1999 li mhux kompitu ta' din il-Qorti li tindaħal fl-apprezzament tal-provi sakemm tkun sodisfatta li l-proċess ikun wieħed xieraq. Jgħid li ma jara ebda nuqqas fil-mod kif imxew il-qrati ta' ġurisdizzjoni kriminali stante li dawn ma warrbu ebda xhieda relevanti u taw lix-xhieda kollha l-piż mistħoqq u ma ċaħħdu lir-rikorrent minn ebda

opportunità biex iressaq il-każ tiegħu, milli jagħmel kontroeżami tax-xhieda mressqa mill-prosekuzzjoni u milli jressaq ix-xhieda tiegħu.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi stabbiliti l-fatti u magħrufa s-sottomissjonijiet tal-partijiet għalhekk, la darba ma hemmx eċċezzjonijiet preliminari li din il-Qorti jeħtieġ tiddetermina, il-Qorti sejra issa tgħaddi sabiex teżamina u tiddeċiedi dwar il-mertu.

Il-Qorti tibda billi tagħmilha ċara li din il-Qorti fil-kompetenza Kostituzzjonali tagħha mhix Qorti ta' appell tat-tielet grad u għalhekk bl-ebda mod mhi ser tkun qed tagħmel mill-ġdid apprezzament tal-fatti li diġà ddeċidew dwarhom il-Qrati Kriminali fil-ġudizzju tagħhom, iżda ser tillimita ruħha sabiex tagħmel skrutinju tal-istess proċeduri sabiex teżamina u tiddeċiedi jekk matul l-istess proċeduri, id-drittijiet tar-rikorrent kif sanċiti bl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ġew mħarsa. Il-Qorti tfakkar li jekk kemm-il darba hi tmur lill hinn minn dan tkun hi stess li tkun qed tikser il-prinċipju taċ-ċertezza legali vis-a-vis deċiżjoni li għaddiet in ġudikat minn qorti kompetenti.

F'dan ir-rigward il-Qorti tosserva dak li qalet il-Qorti Ewropea fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Agrokompleks vs Ukraine** deċiża fis-6 ta' Ottubru 2011 fejn ikkonkludiet is-segwenti:

> *"148. The principle of legal certainty implies that no party is entitled to seek review of a final and binding judgment merely for the purpose of obtaining a rehearing and a fresh determination of the case. Review by higher courts should not be treated as an appeal in disguise, and the mere possibility of there being two views on the subject is not grounds for re-examination"*

Il-Qorti tirrimarka wkoll li la l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u lanqas l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni ma jagħtu xi dritt lill-parti leża li jkollha rimedju disponibbli quddiem qorti tat-tielet grad, wara li l-każ ikun għadda mill-għarbiel tal-Qorti tal-Appell Kriminali. Illi din l-konsiderazzjoni kienet diġa saret fil-kawża **Daniel Alexander Holmes vs Avukat Generali et** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fit-3 ta' Ottbru 2014, fejn il-Qorti qalet is-segwenti:

> *"L-artikoli 6 u 39 tal-Kostituzzjoni ma jiggarantixxu l-ebda dritt li akkużat ikollu xi rimedju quddiem qorti tat-tielet grad wara s-sentenza tal-Qorti tal- Appell Kriminali. Ċertament li f'dan il-każ il-Qorti tal-Appell Kriminali kellha tiddetermina jekk il-piena li ngħata r-rikorrent kenitx ġusta jew kellhiex tnaqqas il-piena. Dak kien l-eżerċizzju tad-doppio esame li kellu jsir.... M'huwiex il-kompitu ta' din il-qorti li tistħarreġ il- konklużjoni li waslet għaliha l-Qorti tal-Appell Kriminali meta kkonfermat is-sentenza tal-Qorti Kriminali."*
>
> *" Illi t-taghlim gurisprudenzjali jiggwida lill-qorti ta' revizjoni sabiex bhala regola ma tirrimpjazzax il-piena moghtija mill-ewwel Qorti b'dik li kieku hija - cioe din il-Qorti – kienet taghti f'dawk ic-cirkostanzi* ***kemm-il darba ma jkunx jirrizulta li l-piena moghtija mill-ewwel Qorti kienet b'xi mod "wrong in principle" jew "manifestly excessive".***

Għalhekk il-Qorti ser tgħaddi biex teżamina jekk id-drittijiet tar-rikorrent għal smigħ kif sanċiti bl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ġewx mittiefsa bil-process effettivament magħmul u konkluż.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

L-ewwel ilment tar-rikorrent jirrigwarda l-fatt li stante li ma kellux assistenza legali meta saret l-istqarrija fuq il-post tal-incident u ftit tal-hin wara li sehh l-istess incident, seħħet vjolazzjoni tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni.

Filwaqt illi huwa minnu illi r-rikorrent kien sewwieq involut f'ħabta li setgħet twassal ghal proċeduri penali, b'danakollu r-rwol tal-Pulizija meta tasal fuq il-post tal-inċident huwa illi tippreżerva l-provi li jkun hemm u fuq kollox tipprova tifhem u tiddetermina x'ġara u x'wassal għall-inċident. F'dan l-istadju, meta mitkellem ir-rikorrent, ċertament illi huwa lanqas ma kien meqjus suspettat, iżda kien qed jiġi mitkellem biss biex il-Pulizija tipprova tistabilixxi x'ġara.

Mingħajr preġudizzju għal dan, irid però jingħad illi anke jekk wieħed kellu jargumenta illi f'inċident bħal dak, ir-rikorrent seta' jitqies suspettat, mill-ġurisprudenza issa kospikwa dwar dan il-punt jirriżulta li l-fatt waħdu li ma ngħatatx l-għajnuna ta' avukat waqt l-interrogazzjoni (jekk din għandha tissejjaħ hekk), ma huwiex biżżejjed sabiex tinsab vjolazzjoni

tal-jedd għal smigħ xieraq. Wieħed għandu jqis il-proċess fit-totalità tiegħu.

Fil-ġurisprudenza Ewropea kien hemm evoluzzjoni ta' ħsieb dwar dan l-prinċipju sakemm fl-aħħar il-Qorti Ewropea ġiet biex tiddeċiedi l-każ ta' **Beuze vs Belgium**. F'dik is-sentenza li ngħatat fid-9 ta' Novembru 2018, il-Qorti qalet –

> *The fairness of a criminal trial must be guaranteed in all circumstances. However, what constitutes a fair trial cannot be the subject of a single unvarying rule but must depend on the circumstances of the particular case (see Ibrahim and Others, ... § 250). The Court's primary concern, in examining a complaint under Article 6 § 1, is to evaluate the overall fairness of the criminal proceedings ... ... ...*
>
> *»121. As the Court has found on numerous occasions, compliance with the requirements of a fair trial must be examined in each case having regard to the development of the proceedings as a whole and not on the basis of an isolated consideration of one particular aspect or one particular incident, although it cannot be ruled out that a specific factor may be so decisive as to enable the fairness of the trial to be assessed at an earlier stage in the proceedings. ... ... ...*
>
> *»... ... ...*
>
> *»139. The stages of the analysis as set out in the Salduz judgment – first looking at whether or not there were compelling reasons to justify the restriction on the right of access to a lawyer, then examining the overall fairness of the proceedings – have been followed by Chambers of the Court in cases concerning either statutory restrictions of a general and mandatory nature, or restrictions stemming from case-specific decisions taken by the competent authorities.*
>
> *»140. In a number of cases, which all concerned Turkey, the Court did not, however, address the question of compelling reasons, and neither did it examine the fairness of the proceedings, but found that systematic restrictions on the right of access to a lawyer had led, ab initio, to a violation of the Convention ... ... ... Nevertheless, in the majority of cases, the*

*Court has opted for a less absolute approach and has conducted an examination of the overall fairness of the proceedings, sometimes in summary form ... and sometimes in greater detail ...*

*»141. Being confronted with a certain divergence in the approach to be followed, in Ibrahim and Others the Court consolidated the principle established by the Salduz judgment, thus confirming that the applicable test consisted of two stages and providing some clarification as to each of those stages and the relationship between them (see Ibrahim and Others, ... §§ 257 and 258-62).*

*........*

*»144. In Ibrahim and Others the Court also confirmed that the absence of compelling reasons did not lead in itself to a finding of a violation of Article 6. Whether or not there are compelling reasons, it is necessary in each case to view the proceedings as a whole (see Ibrahim and Others, ... § 262). That latter point is of particular importance in the present case, since the applicant relied on a certain interpretation of the Court's case-law on the right of access to a lawyer ... to the effect that the statutory and systematic origin of a restriction on that right sufficed, in the absence of compelling reasons, for the requirements of Article 6 to have been breached. However, as can be seen from the Ibrahim and Others judgment, followed by the Simeonovi judgment, the Court rejected the argument of the applicants in those cases that Salduz had laid down an absolute rule of that nature. The Court has thus departed from the principle that was set out, in particular, in the Dayanan case and other judgments against Turkey.*

*»145. Where there are no compelling reasons, the Court must apply very strict scrutiny to its fairness assessment. The absence of such reasons weighs heavily in the balance when assessing the overall fairness of the criminal proceedings and may tip the balance towards finding a violation. The onus will then be on the Government to demonstrate convincingly why, exceptionally and in the specific circumstances of the case, the overall fairness of the criminal proceedings was not*

*irretrievably prejudiced by the restriction on access to a lawyer (see Ibrahim and Others, ... § 265).*

*»... ... ...*

*»147. Lastly, it must be pointed out that the principle of placing the overall fairness of the proceedings at the heart of the assessment is not limited to the right of access to a lawyer under Article 6 § 3 (c) but is inherent in the broader case-law on defence rights enshrined in Article 6 § 1 of the Convention ... ... ...*

*»148. That emphasis, moreover, is consistent with the role of the Court, which is not to adjudicate in the abstract or to harmonise the various legal systems, but to establish safeguards to ensure that the proceedings followed in each case comply with the requirements of a fair trial, having regard to the specific circumstances of each accused.*

*»... ... ...*

*»150. When examining the proceedings as a whole in order to assess the impact of procedural failings at the pre-trial stage on the overall fairness of the criminal proceedings, the following non- exhaustive list of factors, drawn from the Court's case-law, should, where appropriate, be taken into account (see Ibrahim and Others, ...*

*(a) whether the applicant was particularly vulnerable, for example by reason of age or mental capacity;*

*(b) the legal framework governing the pre-trial proceedings and the admissibility of evidence at trial, and whether it was complied with – where an exclusionary rule applied, it is particularly unlikely that the proceedings as a whole would be considered unfair;*

*(c) whether the applicant had the opportunity to challenge the authenticity of the evidence and oppose its use;*

*(d) the quality of the evidence and whether the circumstances in which it was obtained cast doubt on its reliability or accuracy, taking into account the degree and nature of any compulsion;*

*(e) where evidence was obtained unlawfully, the unlawfulness in question and, where it stems from a violation of another Convention Article,the nature of the violation found;*

*(f) in the case of a statement, the nature of the statement and whether it was promptly retracted or modified;*

*(g) the use to which the evidence was put, and in particular whether the evidence formed an integral or significant part of the probative evidence upon which the conviction was based, and the strength of the other evidence in the case;*

*(h) whether the assessment of guilt was performed by professional judges or lay magistrates, or by lay jurors, and the content of any directions or guidance given to the latter;*

*(i) the weight of the public interest in the investigation and punishment of the particular offence in issue; and*

*(j) other relevant procedural safeguards afforded by domestic law and practice.«*

F'dan il-każ, jirriżulta li qatt ma saret l-ebda allegazzjoni da parti tar-rikorrent li kien ġie mġiegħel li jagħmel din id-dikjarazzjoni. Ħlief għall-fatt li ma kellux avukat f'dak il-ħin, ma ngħata ebda argument serju dwar il-validità jew veraċità tal-istqarrija.

Jirriżulta wkoll li fl-ebda mument waqt il-proċeduri kriminali ma ngħad li l-istqarrija kellha tiġi ddikjarata inammissibbli jew li kien hemm vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tal-imputat. Fil-fatt ir-rikorrent fl-ebda ħin ma lmenta dwar il-fatt li ma kellux assistenza legali meta ta l-ewwel stqarrija tiegħu eżatt kif seħħ l-inċident, iżda qed jilmenta biss dwar dan għax fil-fehma tiegħu, il-Qorti tal-Appell Kriminali tat iktar sinifikanza lil dik l-istqarrija milli għamlet l-Qorti fl-ewwel istanza. Jekk kemm-il darba r-rikorrent kien tal-fehma li dik l-istqarrija ma kellhiex tkun ammissibbli, mela allura kellu l-fakultajiet kollha li jilmenta dwar dan quddiem il-Qorti Kriminali li kellha f'dak l-istadju l-kompetenza li tiddeċiedi dwar dik il-prova kinitx ammissibbli jew le.

**Għalhekk din il-Qorti ma tqisx li hemm vjolazzjoni tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni f'dan ir-rigward.**

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Fit-tieni ilment tiegħu, ir-rikorrent isostni li l-Qorti straħet ukoll fuq dawk li qalu żewġ xhieda oħra okulari liema xhieda ma ddeponewx *viva voce* fil-kumpilazzjoni u li l-esponent qatt ma kellu l-fakultà li jagħmlilhom il-kontroeżami.

F'dan ir-rigward, din il-Qorti tosserva l-insenjament tal-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza fl-ismijiet **Osama Ebeid vs Avukat tal-Istat** deċiża fit-22 ta' Ġunju 2022 fejn il-Qorti kkonkludiet is-segwenti:

17. *Il-Qorti tosserva illi l-Artikolu 39(6)(d) tal-Kostituzzjoni ma jiggarantix dritt għall-kontro-eżami, iżda b'mod speċifiku jiggarantixxi li l-akkużat jingħata:*
    *"faċilitajiet biex jeżamina personalment jew permezz tar-rappreżentant legali tiegħu x-xhieda msejħa mill-prosekuzzjoni quddiem kull qorti u li jikseb l-attendenza ta' xhieda suġġett għall-ħlas tal-ispejjeż raġonevoli tagħhom, u jagħmel l-eżami tax-xhieda li jkunu ser jixhdu għalih quddiem il-qorti bl-istess kondizzjonijiet bħal dawk li jgħoddu għal xhieda msejħa mill-prosekuzzjoni".*

18. *Fil-fehma tal-Qorti dan ifisser li d-dritt li qiegħed jiggarantixxi dan is-sub-artikolu mhuwiex wieħed ta' riżultat, u ċjoè li l-akkużat jagħmel kontro-eżami ta' bilfors, iżda wieħed ta' mezzi, u ċjoè li l-akkużat jingħata mezzi sabiex ikun jista' jeżamina xhieda, bl-istess kondizzjonijiet applikabbli għax-xhieda tal-prosekuzzjoni. Għalhekk il-Qorti ma taqbilx mal-interpretazzjoni tal-ewwel Qorti li l-Artikolu 39(6)(d) tal-Kostituzzjoni jipprovdi lill-akkużat dritt li jagħmel kontro-eżami tax-xhieda tal-prosekuzzjoni mingħajr l-ebda eċċezzjoni. Fil-fehma ta' din il-Qorti l-fatt li l-proviso tal-Artikolu 646(2) jipprovdi għall-possibbilita` li l-Qorti tippermetti li ma jiġix prodott xhud biex jixhed viva voce f'ċertu ċirkostanzi eċċezzjonali mhuwiex awtomatikament inkompatibbli mal-Artikolu 39(6)(d) tal-Kostituzzjoni, in kwantu ma jirriżultax li dan il-proviso jeskludi kompletament li l-akkużat ikollu faċilitajiet a*

*dispożizzjoni tiegħu sabiex jagħmel kontro-eżami ta' xhieda tal-prosekuzzjoni. Dan partikolarment ikkonsidrat li, kif sewwa jgħid l-Avukat tal-Istat, l-eċċezzjoni maħluqa minn dan il-proviso hija għar-regola li xhud għandu jixhed viva voce quddiem il-Qorti, li ma jfissirx ukoll li l-istess xhud ma jistax jiġi kontro-eżaminat. Apparti l-fatt li dan ix-xhud ikun seta' ġie kontro-eżaminat waqt il-kompilazzjoni, il-liġi tippermetti l-użu ta' telekonferenza u vidjokonferenza għad-depożizzjoni ta' xhud fejn id-difiża tkun tista' tagħmel kontro-eżami tax-xhud minkejja li ma jkunx qiegħed jixhed viva voce fil-Qorti.*

19. *Fid-dawl ta' dan, din il-Qorti tqis li l-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea fuq il-materja hija relevanti u applikabbli, a kuntrarju ta' dak argumentat mill-attur. F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel referenza partikolari għas-segwenti bran mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tas-27 ta' Jannar 2021:*

*"13. F'dan is-sens ukoll esprimiet ruħha l-Q.E.D.B. ta` Strasbourg fis-sentenza li tat fl-20 ta` Novembru 1989 fil-każ ta` Kostovski v. Netherlands meta qalet hekk :*

*"In principle, all the evidence must be produced in the presence of the accused at a public hearing with a view to adversarial argument. This does not mean, however, that in order to be used as evidence statements of witnesses should always be made at a public hearing in court: to use as evidence such statements obtained at the pre-trial stage is not in itself inconsistent with paragraphs (3)(d) and (1) of Article 6, provided the rights of the defence have been respected. As a rule, these rights require that an accused should be given an adequate and proper opportunity to challenge and question a witness against him, either at the time the witness was making his statement or at some later stage in the proceedings"*

*14. Ingħad ukoll mill-istess Qorti f'deċizjoni oħra konsimili : "In itself, the reading out of statements in this way cannot be regarded as being inconsistent with Article 6 §§ 1 and 3 (d) (art. 6-1, art. 6-3-d) of the Convention, but the use made of them as evidence must nevertheless comply with*

*the rights of the defence, which it is the object and purpose of Article 6 (art. 6) to protect. This is especially so where the person "charged with a criminal offence", who has the right under Article 6 § 3 (d) (art. 6-3-d) to "examine or have examined" witnesses against him, has not had an opportunity at any stage in the earlier proceedings to question the persons whose statements are read out at the hearing. (sottolinjar tal-Qorti)".*

20. *Fir-rigward ta' xhieda permezz ta' ittri rogatorji, il-Qorti rat li l-liġi tippermetti lid-difiża tissottometti mistoqsijiet addizzjonali biex isiru lix-xhud. Għalhekk jirriżulta li l-liġi tpoġġi fis-seħħ diversi faċilitajiet sabiex l-attur ikun jista' jeżamina x-xhieda tal-prosekuzzjoni, u l-ewwel proviso tal-Artikolu 646 (2) ma jġibx dawn il-faċilitajiet fix-xejn. Minn dan isegwi li l-inkompatibilita` ravviżata mill-attur bejn l-ewwel proviso għat-tieni sub-inċiż tal-Artikolu 646 tal-Kodiċi Kriminali u l-Artikolu 39(6)(d) tal-Kostituzzjoni effettivament ma tirriżultax. Għaldaqstant il-Qorti tqis li l-Avukat tal-Istat għandu raġun meta jilmenta li d-deċiżjoni tal-ewwel Qorti hija żbaljata, u għalhekk dan l-aggravju qiegħed jiġi Rik. Kost. 276/21/1 Paġna 14 minn 14 milqugħ. Peress illi s-sentenza appellata sejra għalhekk tiġi rrevokata fl-intier tagħha, il-Qorti tqis li m'hemmx lok li jiġi trattat ukoll it-tielet aggravju tal-Avukat tal-Istat permezz ta' liema qiegħed jargumenta li l-appellant m'għandux interess ġuridiku biex jimpunja l-Artikolu 646 fit-totalita` tiegħu peress li l-ilment tiegħu jitratta biss waħda mill-ipoteżi prospettata fih.*

Applikat dan l-insenjament għal każ odjern jirriżulta li għalkemm huwa minnu li x-xhieda in kwistjoni ma xehdux *viva voce* waqt il-kumpilazzjoni, ma kien hemm xejn x'jipprekludi lir-rikorrent milli jressaq il-provi tiegħu u jagħmel il-kontro-eżamijiet tax-xhieda kollha li ressqet il-prosekuzzjoni. Isegwi għalhekk, li kienet għażla tar-rikorrent li ma sejjaħx lill-istess xhieda jekk kemm-il darba kellu l-interess li jiddiskredita l-*istatements* tagħhom u ma setax jippretendi li fl-aħħar mill-aħħar il-prosekuzzjoni tagħmillu xogħlu.

Oltre minn hekk, kellu l-faċilità wkoll li jattakka l-ammissibilità tal-istess xhieda, liema azzjoni ma ħadhiex tul il-proċeduri kriminali, quddiem il-Qorti li kellha l-kompetenza teżamina l-istess.

**Għalhekk din il-Qorti ma tqisx li hemm vjolazzjoni tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni f'dan ir-rigward ukoll.**

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Oltre minn hekk, minn analiżi tas-sentenza, din il-Qorti m'għandha l-ebda dubju, li l-Qorti tal-Appell Kriminali eżaminat kif imiss il-provi li tressqu quddiem il-Qorti tal-Magistrati u kien biss wara tali evalwazzjoni li l-Qorti għaddiet għal konklużjonijiet tagħha. Din il-Qorti fil-fatt hija tal-fehma li l-Qorti tal-Appell Kriminali fid-deċiżjoni tagħha tas-26 ta' Mejju 2022, kienet diġà waslet għall-konklużjoni tagħha qabel ma qieset ix-xhieda li qed jaċċenna għaliha r-rikorrent.

Għalhekk din il-Qorti ma ssibx li kien hemm xi nuqqas da parti tal-Qorti tal-Appell Kriminali u li hija eżercitat l-funzjoni tagħha ai termini tal-Artikolu 428(6) tal-Kodiċi Kriminali, għaliex wara li reġgħet evalwat il-provi u l-argumenti mressqa fl-appell, fil-fatt laqgħet l-istess appell.

**Illi għalhekk l-ilmenti tar-rikorrenti ser jiġu respinti fl-intier tagħhom.**

**<u>Deċide</u>**

**Għaldaqstant din il-Qorti, għar-raġunijiet u konsiderazzjonijiet hawn fuq magħmula, qegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrent, bl-ispejjeż tal-kawża jkunu a karigu tal-istess rikorrent.**

**Onor. Ian Spiteri Bailey**
**Imħallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Reġistratur**